**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 16/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 647/2003)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil- ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (17/05/2003) fil-Knisja ta' Lourdes, San Gwann, liema zwieg jinsab debitament registrat mar-Registru Pubbliku bin-numru tar-registrazzjoni sitt mija sebgha u erbghin tas-sena elfejn u tlieta (647/2003) [Dok. A].
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, D E li twieldet nhar it-18 ta' Marzu, 2004 u F G li twieled nhar 1-14 ta' Novembru, 2007.

3. Illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli fit-18 ta' Settembru, 2014 [Dok. B], liema kuntratt gie modifikat permezz ta' kuntratt ippubblikat fl- atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli tat-18 ta' Marzu, 2016 [Dok. C].

4. 4.Illi bejn il-kontendenti ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni. Inoltre bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit tieghu ezebit bhala Dok. D.

5. Illi għalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-17 ta' Mejju, 2003; u

2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar 2023;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata li minnha jirrizulta li l-intimata m’hijiex toġġezzjona ghat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Settembru 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;